32001D0396

L 139/16 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 23.5.2001

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-4 ta' Mejju 2001**

**li temenda d-Deċiżjoni 97/467/KE li tfassal listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam tal-fenek u tal-laħam tas-selvaġġina mrobbija fl-irziezet, fir-rigward ta' l-importazzjoni tal-laħam tar-rattiti**

*(notifikat taħt in-numru tad-dokument Ċ (2001) 1173)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2001/396/KE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kondizzjonijiet għat-tħejjija, għall-perjodu temporanju, listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti tas-sajd jew molluski b'valvoli ħajjin ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/4/KE ([2]), u b'mod partikolari Artikolu 2(1) tagħha,

Billi:

(1) Il-lista ta' pajjiżi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw il-laħam tar-rattit, il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji meħtieġa għall-importazzjoni ta' dan il-laħam fil-Komunità ġew stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/609/KE tad-29 ta' Settembru 2000 li tniżżel kundizzjonijiet għas-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika u ċ-ċertifikaazzjoni veterinarja għall-importazzjoni tal-laħam tar-rattiti mkabbar fl-irziezet li temenda d-Deċiżjoni 94/85/KE li tħejji lista ta' pajjiżi terzi li minnha l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni tal-laħam frisk tat-tjur ([3]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1997/467/KE ([4]) kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2000/691/KE ([5]), tħejji lista provviżorja ta' stabbilimenti li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni tal-laħam tal-fenek u laħam tas-selvaġġina mrobbi fl-irziezet.

(3) L-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni Nru 97/467/KE kien jirrigwarda l-laħam tal-fenek u laħam tas-selvaġġina mrobbija fl-irziezet iżda ma inkludiex stabbilimenti li jipproduċu l-laħam tar-rattiti.

(4) Iżda, Artikolu 1(2a) tad-Deċiżjoni msemmija qabel awtorizzat il-possibbiltà għall-Istati Membri li jkomplu l-kummerċ fuq bażi bilaterali sat-30 ta'April 2001.

(5) Hemm il-ħtieġa li tiġi mħassra din il-possibbiltà u li tiġi stabbilita lista distinta għal-laħam tar-rattiti.

(6) Il-pajjiżi terzi kollha li huma fuq il-lista awtorizzati fuq bażi ta' saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni tal-laħam tar-rattiti fil-Komunità Ewropea ġew ikkuntattjati biex jiġi żgurat jekk hemmx xi stabbilimenti f'dak il-pajjiż li jixtiequ jesportaw lejn il-Komunità Ewropea, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa ta' l-istandards tas-saħħa stipulati fid-Direttivi li japplikaw.

(7) Il-Kummissjoni rċeviet minn ċerti pajjiżi terzi listi ta' stabbilimenti b'garanziji li huma jikkonformaw għal kollox mal-kundizzjonijiet ta' saħħa addattati fil-Komunità, u jekk xi stabbiliment jonqos milli jagħmel dan, l-attivitajiet tiegħu ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea jiġu sospiżi.

(8) Lista proviżorja ta' stabbilimenti f'pajjiżi terzi li minnha l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni tal-laħam tar-rattiti tista' b'hekk titħejja.

(9) Il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Artikolu 1(2a) tad-Deċiżjoni Nru 97/467/KE huwa mħassar.

2. L-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni Nru 97/467/KE għandu jsir Anness I li jinsab ma' din id-Deċiżjoni, u t-titolu li ġej għandu jiżdied:

"Lista ta' stabbilimenti awtorizzati għall-importazzjoni ta' laħam tal-fenek u ta' laħam tas-selvaġġina (minbarra r-rattiti)".

([1]) ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 17.
([2]) ĠU L 2, tal-5.1.2001, p. 21.
([3]) ĠU L 258, tat-12.10.2000, p. 49.
([4]) ĠU L 199, tas-26.7.1997, p. 57.
([5]) ĠU L 286, tal-11.11.2000, p. 37.

3. L-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni preżenti huwa mdaħħal bħala Anness II li jinsab mad-Deċiżjoni 97/467/KE bit-titolu li ġej:

"Lista ta' stabbilimenti awtorizzati għall-importazzjoni tal-laħam tar-rattiti".

4. Importazzjonijiet mill-istabbilimenti elenkati fl-Anness għandhom jibqgħu soġġetti għad-dispożizzjonijiet veterinarji tal-Komunità adottati band'oħra.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2001.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Mejju 2001.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANEXO II — BILAG II — ANHANG II — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ II — ANNEX II — ANNEXE II — ALLEGATO II — BIJLAGE II — ANEXO II — LIITE II — BILAGA II*

**LISTA DE LOS ESTABLECIMIENTOS AUTORIZADOS PARA EXPORTAR CARNE DE ESTRUCIONIFORMES — LISTE OVER VIRKSOMHEDER, HVORFRA MEDLEMSSTATERNE TILLADER IMPORT AF STRUDSEKØD — LISTE DER FÜR DIE EINFUHR VON LAUFVOGELFLEISCH ZUGELASSENEN BETRIEBE — ΚΑΤΑΛΟΓΟΣ ΕΓΚΑΤΑΣΤΑΣΕΩΝ ΑΠΟ ΤΙΣ ΟΠΟΙΕΣ ΕΠΙΤΡΕΠΕΤΑΙ Η ΕΙΣΑΓΩΓΗ ΚΡΕΑΤΟΣ ΣΤΡΟΥΘΙΟΝΙΔΩΝ — LIST OF ESTABLISHMENTS AUTHORISED FOR IMPORT OF RATITE MEAT — LISTE DES ÉTABLISSEMENTS AUTORISÉS POUR L'IMPORTATION DE VIANDES DE RATITES — ELENCO DEGLI STABILIMENTI AUTORIZZATI PER LE IMPORTAZIONI DI CARNI DI RATITI — LIST VAN INRICHTINGEN WAARUIT DE INVOER VAN VLEES VAN LOOPVOGELS IS TOEGESTAAN — LISTA DE ESTABELECIMENTOS AUTORIZADOS A IMPORTAR CARNES DE RATITES — LUETTELO LAITOKSISTA, JOISTA ON SALLITTUA TUODA SILEÄLASTAISTEN LINTUJEN LIHAA — FÖRTECKNING ÖVER ANLÄGGNINGAR FRÅN VILKA RATITKÖTT FÅR IMPORTERAS**

**País:** AUSTRALIA — **Land:** AUSTRALIEN — **Land:** AUSTRALIEN — **Χώρα:** ΑΥΣΤΡΑΛΙΑ — **Country:** AUSTRALIA — **Pays:** AUSTRALIE — **Paese:** AUSTRALIA — **Land:** AUSTRALIË — **País:** AUSTRÁLIA — **Maa :** AUSTRALIA — **Land:** AUSTRALIEN

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| 124 | Dotcom.au Pty Ltd | CASUARINA | WESTERN AUSTRALIA | SH, CP | |
| 1857 | AGP (VIC) Pty Ltd | WYCHEPROOF | VICTORIA | SH, CP | |
| 1980 | Meatcorp Processing Australia Pty Ltd | WAIKERIE | SOUTH AUSTRALIA | SH, CP | |
| 2019 | The Emu Company Pty Ltd | EUROBIN | VICTORIA | SH, CP | |
| 2346 | Ozimeats Pty Ltd | PYRAMID HILL | VICTORIA | SH, CP | |

**País:** CANADÁ — **Land:** CANADA — **Land:** KANADA — **Χώρα:** ΚΑΝΑΔΑ — **Country:** CANADA — **Pays:** CANADA — **Paese:** CANADA — **Land:** CANADA — **País :** CANADA — **Maa:** KANADA — **Land:** KANADA

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| 76 | Viande Richelieu Inc./Richelieu Meat Inc. | MASSUEVILLE | QUEBEC | SH, CP | |
| 506 | Bouvry export Calgary Ltd | FORT MACLEOD | ALBERTA | SH, CP | |

**País:** CHIPRE — **Land:** CYPERN — **Land:** ZYPERN — **Χώρα:** ΚΥΠΡΟΣ — **Country:** CYPRUS — **Pays:** CHYPRE — **Paese:** CIPRO — **Land:** CYPRUS — **País:** CHIPRE — **Maa:** KYPROS — **Land:** CYPERN

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| CY 56443 | M.E. Ostrich Farms Akamas Ltd | AGIOS IOANNIS | MALOUNTAS | SH, CP | |

**País:** ISRAEL — **Land:** ISRAEL — **Land:** ISRAEL — **Χώρα:** ΙΣΡΑΗΛ — **Country:** ISRAEL — **Pays:** ISRAËL — **Paese:** ISRAELE — **Land:** ISRAËL — **País:** ISRAEL — **Maa:** ISRAEL — **Land:** ISRAEL

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| 036 | Zemach-Ostrich LTD | TIBERIAS | TIBERIAS | SH, CP | |
| 037 | ATS. CO. LTD | BEER-SHEVA | BEER SHEVA | SH, CP | |

**País:** NAMIBIA — **Land:** NAMIBIA — **Land:** NAMIBIA — **Χώρα:** ΝΑΜΙΜΠΙΑ — **Country:** NAMIBIA — **Pays:** NAMIBIE — **Paese:** NAMIBIA — **Land:** NAMIBIË — **País:** NAMÍBIA — **Maa:** NAMIBIA — **Land:** NAMIBIA

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 | Ostrich Production | KEETMANSHOOP | KEETMANSHOOP | SH, CP | |

**País:** NUEVA ZELANDA — **Land:** NEW ZEALAND — **Land:** NEUSEELAND — **Χώρα:** ΝΕΑ ΖΗΛΑΝΔΙΑ — **Country:** NEW ZEALAND — **Pays:** NOUVELLE-ZÉLANDE — **Paese:** NUOVA ZELANDA — **Land:** NIEUW-ZEELAND — **País:** NOVA ZELÂNDIA — **Maa:** UUSI-SEELANTI — **Land:** NYA ZEELAND

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| ME 117 | Clover Export Limited | GORE | GORE | SH, CP, CS | |

**País:** SUDÁFRICA — **Land:** SYDAFRIKA — **Land:** SÜDAFRIKA — **Χώρα:** ΝΟΤΙΑ ΑΦΡΙΚΗ — **Country:** SOUTH AFRICA — **Pays:** AFRIQUE DU SUD — **Paese:** SUDAFRICA — **Land:** ZUID-AFRIKA — **País:** ÁFRICA DO SUL — **Maa:** ETELÄ-AFRIKKA — **Land:** SYDAFRIKA

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| ZA 6 | Grahamstown Ostrich Export Abattoir | GRAHAMSTOWN | EASTERN CAPE PROVINCE | SH | |
| ZA 7 | Westcott Game and Ostrich | UITENHAGE | EASTERN CAPE PROVINCE | CP | |
| ZA 8 | Graaff-Reinet Meat Supplies | GRAAFF-REINET | EASTERN CAPE PROVINCE | SH | |
| ZA 9 | Klein Karoo Co-operation Abattoir No. 2 | OUDTSHOORN | WESTERN CAPE PROVINCE | SH | |
| ZA 11 | Camdeboo Meat Processors | GRAAFF-REINET | EASTERN CAPE PROVINCE | CP | |
| ZA 13 | Grahamstown Meat Packers | GRAHAMSTOWN | EASTERN CAPE PROVINCE | CP | |
| ZA 18 | Ostriches Galore | TARLTON | GAUTENG PROVINCE | SH, CP | |
| ZA 19 | Oryx Ostrich Abattoir | TARLTON | GAUTENG PROVINCE | SH, CP | |
| ZA 24 | Mosstrich | MOSSEL BAY | WESTERN CAPE PROVINCE | SH, CP | |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| ZA 26 | Swartland Ostriches Limited | MALMESBURY | WESTERN CAPE PROVINCE | SH, CP | |
| ZA 92 | Klein Karoo Co-operation Abattoir No. 1 | OUDTSHOORN | WESTERN CAPE PROVINCE | SH, CP | |
| ZA 96 | Oryx Exotic Meat | DE AAR | NORTHERN CAPE PROVINCE | SH, CP | |

**País:** USA — **Land:** USA — **Land:** USA — **Χώρα:** ΗΠΑ — **Country:** USA — **Pays:** USA — **Paese:** USA — **Land:** VSA — **País:** USA — **Maa:** USA — **Land:** USA

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| P-7041 | Beltex Corporation | FORT WORTH | TEXAS | SH, CP | |
| P-13517 | Southern Wild Game | DEVINE | TEXAS | SH, CP | |
| P-19571 | Diamond K Ranch Game Meats | INGRAM | TEXAS | SH, CP | |
| P-19717 | Ostrich Producers Coop/Midwest | DECORAH | TEXAS | SH, CP | |

**País:** ZIMBABUE — **Land:** ZIMBABWE — **Land:** SIMBABWE — **Χώρα:** ΖΙΜΠΑΜΠΟΥΕ — **Country:** ZIMBABWE — **Pays:** ZIMBABWE — **Paese:**ZIMBABWE — **Land:** ZIMBABWE — **País:** ZIMBABUÉ — **Maa:** ZIMBABWE — **Land:** ZIMBABWE

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | Bulawayo Ostrich Producers (B.O.P.) | BULAWAYO | BULAWAYO | SH, CP | |
| 15 | Copro (Pvt) Ltd | NORTON | NORTON | SH, CP" | |